MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 100/2011

**Perfect Screen Printers Limited**

**Vs**

**Cassar Weaving Limited**
**Anton Cassar**
**U b'digriet tat-2 ta' Frar 2012 gie kjamat fil-kawza l-Avukat Dottor Mario Scerri fil-kwalita' tieghu ta' stralcjarju ta' Cassar Weaving Limited**

Il-Qorti,

Rat li fir-rikors guramentat gie premess is-segwenti:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti bieghet lis-socjeta' intimata diversi oggetti u merkanzija ohra ghall-uzu ta' din tal-ahhar;

2. Illi din ir-relazzjoni tan-negozju bejn il-partijiet ilha sejra numru konsiderevoli ta’ snin, imma matul dawn l-ahhar ftit snin, is-socjeta’ intimata waqghet lura hafna fil-pagamenti u tellghet kont ta’ arretrati ta’ wiehed u ghoxrin elf u mitt euro u wiehed, u euro centezmu (€21,101.01c) skont kif jidher mill-*istatement of account* hawn anness bhala Dokument A;

3. Illi l-kont kurrenti li fuqu kienu jinhadmu t-tranzazzjonijiet ta’ bejgh u hlasijiet bejn iz-zewg socjetajiet kien intestat minn dejjem f’isem ‘Cassar Weaving – Attn. Mr A. Cassar’ u ghalhekk l-esponenti issostni li Anton Cassar kien u ghadu personalment responsabbli flimkien mal-kumpanija tieghu ghall-hlas tal-bilanci dovuti minn din tal-ahhar;

4. Illi tant huwa hekk li l-istess Anton Cassar dan l-ahhar ipprova jhallas parti mill-ammonti dovuti minnu u mill-kumpanija tieghu b’diversi cheques mahrugin fuq kumpanija ohra tieghu, u cjoe’ Desinel Limited – izda meta dawn ic-cheques gew ipprezentati ghall-hlas, l-esponenti saret taf li l-kont bankarju relattiv lanqas biss kien ghadu jezisti fil-mument li nhargu dawk ic-cheques;

5. Illi dan l-agir da parti ta’ Cassar ikompli jirrendih responsabbli in solidum flimkien mal-kumpanija tieghu ghall-hlasijiet kollha dovuti;

6. Illi dan id-debitu huwa wiehed cert likwidu u dovut u safejn taf l-esponenti il-konvenuti/intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jqajmu ghat-talba illi dan il-kreditu tal-esponenti jithallas;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti:

i. Taqta’ u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh ghat-tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici u Organizzazzjoni u Procedura Civili;

ii. Tiddikjarahom debituri, solidalment bejnietkom, fil-konfront tal-attrici fl-ammont ta’ wiehed u ghoxrin elf u mitt euro u wiehed, u euro centezmu (€21,101.01c) dovut

kif fuq inghad, bl-interessi relattivi b'effett mid-data tal-konsenja ta' kull partita elenkata fl-anness Dokument A sad-data tal-effettiv pagament;

iii. Tikkundannahom thallsu lill-attrici dan l-ammont flimien mal-interessi relattivi mid-data tal-konsenja tal-prodott.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontra taghkom kontestwalment ma' dan ir-rikors mahluf.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huma ngunti.

Rat li Anthony Cassar gie debitament notifikat u ma pprezentax risposta.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamat fil-kawza l-Avukat Dottor Mario Scerri fil-kwalita' tieghu ta' stralcjarju tal-kumpanija Cassar Weaving Limited fejn gie eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok is-socjeta' attrici trid iggib prova li n-negozju sar mal-kumpanija ntimata u mhux ma' haddiehor;

2. Il-prova tal-bejgh u tal-konsenja u lil min saret u giet konsenjata il-merkanzija tispetta lis-socjeta' attrici li ggibha;

3. Il-fatt li l-fatturi hargu fuq Cassar Weaving, b'daqshekk ma jfissirx li hija responsabbli s-socjeta' Cassar Weaving Limited ghall-hlas tad-debitu reklamat;

4. Il-fatt li Anton Cassar allegatament ammetta d-debitu, b'daqshekk din l-ammissjoni tieghu ma torbotx lill-kumpanija jew tirrendih debitur solidali mal-kumpanija jew vice versa ghall-hlas pretis;

5. Anton Cassar ma kellu ebda awtorita' wara li l-kumpanija Cassar Weaving Limited giet dikjarata xjolta li

jidhol f'negozjati mal-kumpanija attrici u jikkommettu lill-kumpanija intimata dwar il-hlas tad-dejn pretiz;

6. Mar-rikors guramentat gew esibiti fatturi li lanqas m'huma jew ma gew iffirmati, u fejn gew iffirmati trid tingab il-prova li min accetta l-merkanzija u ffirma ghaliha ghamel dan ghal u fuq struzzjonijiet tal-kumpanija Cassar Weaving Limited u mhux ta' haddiehor;

7. Id-dokumenti gew esebiti mar-rikors guramentat jindikaw li n-negozju sar jew seta' sar mal-kumpanija Desinel Limited li sa harget il-pagamenti, liema pagamenti saru fi zmien qabel ma kien ghadu gie ordnat ix-xoljiment tal-kumpanija Cassar Weaving Limited;

8. Illi f'kaz li s-socjeta' intimata tigi dikjarata responsabbli ghall-hlas tad-dejn pretiz mis-socjeta' attrici jew ta' parti minnu, din trid tikkonkorri ma' kredituri ohra tal-kumpanija;

9. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta li bejn is-socjeta' attrici u Cassar Weaving Limited kien hemm negozju li kien ilu sejjer ghal tul ta' snin izda matul dawn l-ahhar ftit snin is-socjeta' Cassar Weaving Limited waqghet lura hafna fil-pagamenti u b'hekk qeghda tippretendi l-ammont ta' €21,101.01 skont l-istatement of account markat Dok A. Is-socjeta' attrici sostniet ukoll li l-kont kurrenti li fuqu kienu jinhadmu t-transazzjonijiet dejjem kien intestat f'Cassar Weaving – Attn Mr Anthony Cassar u kwindi ssostni li Anthony Cassar huwa responsabbli flimkien mal-kumpanija. Tant huwa hekk li Anthony Cassar ipprova jhallas parti mill-ammonti dovuti b'diversi cekkijiet mahrugin fuq kumpanija

ohra tieghu (Desinel Limited) izda dawn ic-cheques ma ssarfux.

Is-socjeta’ attrici prezentat skrittura privata tad-19 ta’ Dicembru 2011 li permezz taghha Anthony Cassar li deher f’ismu u ghan-nom tal-kumpanija ammetta d-debitu u dahal garanti solidali mal-kumpanija. Kif eccepixxa tajjeb l-istralcjarju Anthony Cassar ma setax jidher ghan-nom tal-kumpanija ladarba din kienet diga’ fi proceduri ta’ stralc.

Illi rrizulta li l-merkanzija kienet destinata ghal Cassar Weaving Limited. Mix-xhieda ta’ Salvina Saliba[1] rrizulta li kienet hija li taghmel it-talba ghall-konsenja normalment permezz ta’ email u gieli permezz tat-telefon. Hija gharfet il-firem taghha u dawk ta’ Anthonu Cassar li kkonfermat li kien il-proprjetarju u direttur tal-kumpanija. Mid-dokumenti kollha esebiti hija kkonfermat diversi firem ta’ persuni li kienu impjegati ma’ Cassar Weaving Limited. Hija xehdet li tiftakar li s-socjeta’ attrici kien fadlilhom kreditu favurihon. Hija kkonfermat ukoll li l-maggiorparti tal-merkanzija li kienet tinxtara mis-socjeta’ attrici kienet tintuza’ kwazi kollha minn Cassar Weaving Limited.

Illi rrizulta li s-socjeta’ attrici ppruvat il-pretensjoni taghha hlief ghall-ammont ta’ €1,200.07[2] li l-invoice taghha qatt ma gie prezentat in atti. Ghalhekk l-ammont dovut huwa ta’ €19,900.94.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara:

(i) bhala debituri lill-konvenuti, solidalment bejniethom, fil-konfront tal-attrici fl-ammont ta’ dsatax-il elf disa’ mitt euro u erbgha u disghin euro centezmu (€19,900.94c) dovut kif fuq inghad, bl-interessi relattivi b’effett mid-data tal-konsenja ta’ kull partita elenkata fl-anness Dokument A sad-data tal-effettiv pagament;

---

[1] Seduta tad-29 ta’ Marzu 2012 a fol 77 tal-process – administration officer ta’ Cassar Weaving Limited ghal 23 sena

[2] Invoice 11843

(ii) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici dan l-ammont ta' dsatax-il elf disa' mitt euro u erbgha u disghin euro centezmu (€19,900.94c) flimkien mal-interessi relattivi mid-data tal-konsenja tal-prodott.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------